# ENERĠIJA ORĦOS U AKTAR NADIFA: GĦALIEX IL-PN QISU MA JRIDHIEX



EDWARD SCICLUNA / Ministru għall-Finanzi



Naħseb li fost l-aktar argumenti politiċi kollha f'pajjiżna, l-aktar wieħed sħun u li jqanqal l-għajjat u r-rabja tal-Oppożizzjoni fil-Parlament, huwa l-pjan tal-Gvern dwar l-enerġija u dak kollu marbut miegħu bħall-Enemalta u l-Electrogas.

Jekk wieħed jikkalma ftit u jħares lejn dan kollu b'mod kemmxejn iddistakkat, wieħed jista' jifhem li t-tariffi għolja tad-dawl u l-ilma kienu fost l-aktar raġunijiet, jekk mhux ir-raġuni ewlenija, għat-telfa elettorali tal-gvern preċedenti.

U peress li telfa ta' gvern tissarraf f'rebħa tal-Oppożizzjoni, il-wegħda li la darba fil-gvern il-Partit Laburista kien se jindirizza din is-sitwazzjoni, kienet raġuni ewlenija għar-rebħa kbira elettorali tiegħu.

Il-Partit Laburista kien wiegħed lill-familji li dawn it-tariffi taħt gvern ġdid ma jibqgħux għoljin u jorħsu b'25%, sew għall-familji u anke għan-negozji. Wegħda li ma twemnitx, għall-inqas mill-Oppożizzjoni tal-lum meta dakinhar kienet fil-gvern.

Madanakollu, bħal ma nafu din il-wegħda saret realtà u bil-mod il-mod qegħdin naraw ukoll ir-raġuni li wasslet għal dan ir-roħs. Fil-fatt wasalna fl-ewwel fażi tal-proġett fejn qegħdin niġġeneraw l-elettriku bil-gass u aktar tard nilħqu l-aħħar fażi tal-proġett fejn l-impjant jiġġenera l-massimu tiegħu.

Meta wieħed jixtarr ftit ir-raġunijiet għalfejn kellna kontijiet tad-dawl daqshekk għoljin fiż-żmien il-gvern preċedenti, dlonk nindunaw li r-raġuni ewlenija kienet li kien hemm *lobby*, jiġifieri grupp ta' nies, fosthom uffiċjali għolja li kellhom interess, biex ma ngħidux affarijiet oħra, li jaraw li ma jsirx investiment f'sorsi aktar nodfa ta' enerġija bħal ma hu l-gass.

Ilkoll niftakru kif taħt il-gvern ta' qabel tlifna okkażjoni unika meta l-Italja offritilna li naqbdu ma' fergħa mill-*pipeline* li kien ġej mill-Afrika ta' Fuq għall-Italja u Sqallija.

Jien ma ngħidx li din l-offerta kienet assolutament b'xejn għax kif nafu tajjeb, xejn ma hu b'xejn. Imma tal-inqas nippretendi li gvern responsabbli kellu jevalwa din l-offerta, jixtarr il-vantaġġi u l-iżvantaġġi u jiddiskutiha. Imma sfortunatament, dak il-gvern ħaseb xort'oħra, u b'riżultat t'hekk bħala pajjiż tlifna okkażjoni unika u spiċċajna bi impjanti qodma.

Impjanti li qishom magna ta' karozza antika li tagħmel biss ftit mili bil-gallun u twaqqa' ż-żejt fit-triq. Dan wassal biex l-għoli fil-prezz taż-żejt affetwa lil pajjiżna ferm aktar minn pajjiżi oħra. Għax meta int tkun qed taħli ż-żejt, meta jogħla l-prezz tiegħu, se jbati kulħadd, imma min jaħli jsofri l-aktar.

Kien għalhekk li fl-aħħar il-Ministru ta' dak iż-żmien Austin Gatt kellu jmur għand il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD) biex jgħid lill-imsieħba soċjali li kellhom tliet għażliet quddiemhom.

L-għażla kienet bejn tliet tipi ta' tariffi li kollha kemm huma kienu jsarrfu fi tbatijiet kbar għall-familji, xokk kbir għan-negozji u għall-pajjiż, li wassal biex l-ekonomija waqgħet iktar 'l isfel u għamlet lil pajjiżna inqas kompetittiv.

Bħal ma nafu l-konsegwenzi kienu wkoll politiċi, għax il-poplu b'rabja kbira ddeċieda li jagħżel partit ieħor biex imexxih.

Għaldaqstant l-Oppożizzjoni tal-lum għandha ferneżija kbira li tipprova tisfiduċja lill-gvern minħabba fil-wegħda tiegħu. Għax ir-realtà ta' dan il-gvern hi li huwa għamel wegħda qabel l-elezjoni u żammha.

U allura l-Oppożizzjoni tinfexx f'ħafna argumenti tant li lanqas jafu x'ħa jaqbad jaqilgħu aktar minn żniedhom biex jippruvaw jisfiduċjaw lil dan il-proġett.

Fost l-aktar ħleqjiet li qegħdin nisimgħu, u li tolqot lill-Ministeru għall-Finanzi hija li qatt ma kellha ssir il-garanzija bankarja fuq il-proġett għax qatt ma saret xi ħaġa simili qabel u li hija ħaġa li mhix fuq bażi normali ta' amministrazzjoni.

Irrid ngħid, li dan il-kunċett mhuwiex ġdid għal pajjiżna. Biss biss infakkar li l-binja li llum tilqa' fiha l-Kamra tar-Rappreżentanti, minn fejn tant membri parlamentari tal-Oppożizzjoni qegħdin jitkażaw b'dan l-arranġament u li nbniet fi żmien li l-partit tagħhom kien fil-gvern, ma nbnietx mill-gvern imma bnietha kumpanija permezz ta' *Special Purpose Vehicle*.

Dan ifisser li l-gvern jidħol ma' kumpanija biex jikri l-post għal numru twal ta' snin mingħand kumpanija li tibnieh hi stess.

Dak huwa l-kunċett kollu li minflok il-gvern jonfoq €80 miljun, iddeċieda li dawn il-flus jonfoqhom ħaddieħor li jibni l-post hu, imbagħad il-gvern jikri l-post skont kirja li toffri rata ta' ritorn normali kif wieħed jistenna.

L-istess arranġament sar fil-każ tal-Electrogas u tant ma kienx arranġament ħażin, li l-Kummissjoni Ewropea tat raġun lill-gvern għall-mod ta' kif ħadem u kkonfermat li dan huwa mudell aċċettabbli fl-Ewropa u fid-dinja kollha.

Għax il-gvern seta' ssellef €480 miljun mingħand il-Bank tal-Investiment Ewropew (EIB), iżda minflok ħareġ sejħa għall-offerti, għażel il-kumpanija li għamlet l-aktar offerta vantaġġjuża u daħal fi ftehim biex jixtri l-enerġija mingħandhom għal numru ta' snin.

Issa ejjew ma naħsbux li l-Kummissjoni Ewropea kienet se tiddejjaq tgħid li xi ħaġa hija ħażina! Għax tajjeb li niftakru li d-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni, li evalwa l-Electorgas, kienet l-istess entità li ma ddejqet xejn tixli lill-Irlanda dwar il-każ tal-Apple, li mmultat lill-Belġju u lill-Lussemburgu dwar każijiet speċifiċi.

Jiġifieri dawn mhux se jiddejqu la minn Malta u lanqas minn pajjiżi ikbar minna.

Tant ma nstab xejn ħażin x'wieħed jgħid fuq din il-kwistjoni, li l-Kummissjoni sabet li l-profitti u anke r-rata ta' ritorn fuq l-investiment li qed taqla' l-Elettrogas huma normalissimi, m'hemmx każ li dan il-gvern qed jaġevola lil xi ħadd u li kollox huwa skont id-direttivi Ewropej.

Dan kollu jixhed kemm dan il-gvern verament kien għaqli ħafna li jorbot parti mill-pjan ekonomiku tiegħu mal-enerġija nadifa u kif dan wassal għal aktar tkabbir fl-ekonomija Maltija hekk kif muri fir-rapporti li qegħdin joħorġu mill-aġenziji internazzjonali tal-*credit rating*, minn istituzzjonijiet internazzjonali bħall-World Bank u l-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF) u anke mill-Kummissjoni Ewropea stess.

Dak li wegħdna ma baqgħux wegħdiet, iżda saru fatti, għax huwa fatt li r-roħs mill-ispiża tal-enerġija qiegħed isarraf f'roħs fil-kontijiet lill-familji u lin-negozjanti.

U fl-istess ħin għandna finanzi iktar b'saħħithom, Enemalta iktar b'saħħitha u mhux falluta, tant li ġiet *upgraded* bħal ma ġie *upgraded* il-pajjiż.

Għandna enerġija rħisa u oħra, għandna enerġija nadifa għall-benefiċċju tagħhom u ta' wliedhom.